MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 904/1999/1

**Alexander Azzopardi**

**Vs**

**Spiridione Azzopardi u Joseph Debono u Ernest u Steve Gauci li b'digriet tal-24 ta' Novembru, 1999 gew kjamati fil-kawza.**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta illi l-attur xtara minghand il-konvenuti vettura mudell Mazda 626 targata K2121;

Premess illi in segwitu l-attur biegh l-istess vettura lil certu Christopher Dingli, izda sussegwentement irrizulta li t-transfer ta' l-istess vettura ma setghax jigi trasferit a favur ix-xerrej minhabba li l-istess vettura kienet giet skrappjata mill-awturi tal-konvenuti;

Premess illi l-imsemmi Christopher Dingli istitwixxa proceduri gudizzjarji kontra l-attur u l-istess attur gie kkundannat li jirrifondi l-prezz li huwa kien ircieva:
Premess illi in vista ta' l-agir tal-konvenuti li naqsu li jinfurmaw lill-attur li l-vettura riferita kienet giet skrappjata l-istess attur garrab id-danni kif jigi provat fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza;

Premess illi l-konvenuti debitament interpellati biex jaddivjenu ghal-likwidazzjoni u hlas konsegwenzjali tad-danni mgarrba mill-atturi, huma baqghu nadempjenti;

Jghidu ghalhekk l-istess konvenuti ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

1. prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenuti huma responsabbli ghad-danni kollha mgarrba mill-attur fid-dawl ta' l-akkadut;

2. Tillikwida d-danni mgarrba mill-attur, okkorendo bl-opra ta' perit nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenuti biex ihallsu lill-attur id-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-5 ta' Jannar, 1999 kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni, u bl-imghaxijiet skond il-ligi kalkolati mit-30 ta' Gunju, 1998 kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Joseph Debono u Spiridione Azzopardi** a fol. 10 tal-process fejn eccepew**:**

1. Illi preliminarjament l-azzjoni attrici hija preskritta skond l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili (Kap. 16).

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nulli peress li f'kaz ta' bejgh il-ligi tikkontempla biss proceduri gudizzjarji skond l-Artikoli 1390 u 1427 tal-Kodici Civili (Kap. 16).

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, kif jirrizulta mill-premessi tac-citazzjoni ntavolata mill-attur, il-vettura ma gietx skrappjata mill-eccipjenti. Fil-fatt meta sehh il-bejgh l-eccipjenti ma kienux jafu b'dan il-fatt. Ghalhekk f'kull kaz il-Qorti ghandha tordna l-kjamata fil-kawza ta' Ernest Gauci u Steve Gauci li huma l-awturi taghhom.

4. Illi f'kull kaz l-eccipjenti qeghdin jikkontestaw id-danni allegatament sofferti mill-attur.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attur li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat id-digriet a fol 24 li bih gew imsejjha fil-kawza Ernest u Steve Gauci;

Rat id-decizjoni ta' dina l-Qorti a fol. 45 et seq li biha l-Qorti cahdet it-talba ta' Ernest Gauci sabiex jiggustifika l-kontumacja tieghu; filwaqt li laqghet it-talba tal-kjamat fil-kawza l-iehor Stephen Gauci, li ghalkemm moghti zmien biex jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu, naqas li jaghmel dana.

Rat il-kapitolu a fol 120/121 li l-konvenuti pprezentaw ghas-subizzjoni tal-imsejha fil-kawza fejn gie mistqarr li l-vettura K 2121 giet skrappjata minnhom u li huma qatt ma gharrfu lill konvenuti li l-vettura kienet giet skrappjata minnhom;

Rat il-verbal a fol. 120 fejn l-attur iddikjara li l-konvenuti qatt ma kienu jafu li l-vettura giet skrappjata mill-kjamati

fil-kawza; mentri l-konvenuti ddikjaraw li l-attur ma kienx jaf li l-istess vettura giet skrappjata mill-imsejjha fil-kawza.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota tal-konvenuti.

**FATTI**

Illi l-konvenuti kienu xtraw il-karozza Mazda 626 bin numru K 2121 minghand Ernest Gauci bil-prezz ta' LM400 u regghu bieghuha immedjatament lill attur li jigi iben wiehed mill-konvenuti bil-prezz ta' Lm450. L-attur kien ha l-karozza mill-garage ta' Ernest Gauci billi irmonkaha stante li kellha daqqa kbira. Fil-fatt fuq quddiem kien hemm hsarat kbar fil-karozza u ma kienx hemm *number plate* mentri kien hemm *number plate* fuq wara. Il-konvenuti u l-attur fehemu li l-karozza kienet registrata biex tintuza fit-triq billi kellha in-*number plate*. Gauci kien qallhom li kellu l-*log book* tal-karozza ghandu. Wara l-attur kien biegh dina l-karozza lill Christopher Dingli billi partata ma erba karozzi antiki u Lm300 cash. L-attur kien talab lill Gauci biex jaghtih in numru tal-makna u tac-chassis sabiex Dingli ikun jista' jixtri l-*spare parts*. Meta wara l-attur talab biex Gauci jaghmil t-*transfer* ghal fuq Dingli Gauci beda itawwal u fl-ahhar l-attur skopra minghand tal-licenzji li l-vettura kienet skrappjata u mhux garaxxjata biss kif kien qed isostni Gauci. Sar jaf ukoll li Gauci kien ghamel affidavit li kien skrappja l-karozza bi zball u pprova jirranga is-sitwazzjoni izda ma rnexxilux. Meta ma setghax isir it-*transfer* Dingli ghamel kawza lill attur biex jiehu lura flusu u danni li sofra. Dina l-kawza giet ceduta (Dok JD4) billi l-partijiet kienu ftehemu. F'dina l-kawza l-attur qed jitlob Lm1,500 rapprezentanti l-valur tal-karozza; Lm1,012 rapprezentanti l-valur ta' parts biex isiru t-tiswijiet necessarji; Lm292 spejjez legali.

Brian Farrugia mid-Dipartimenet tal-licenzji xehed li l-vettura K 2121 kienet giet garaxxjata fl-10 ta' Marzu,

1995 minn Ernest Gauci u l-vettura kienet fuq isem Maurice Gruppetta. Ernest Gauci kien ghamel affidavit li kien tilef il-pjanca tal-vettura. Fil-25 ta’ Gunju 1996 kien sar transfer minn Gruppetta ghal fuq Ernest Gauci. Il-vettura giet skrappjata fil 2 ta’ Lulju, 1996 minn Ernest Gauci imma Gauci ma kienx gab pjanci. Fl-10 ta’ Dicembru, 1996 Ernest Gauci ghamel affidavit iehor fejn qal li ma kellux intenzjoni li jiskrappja l-vettura izda ried jiggaraxxjha. Id-Dipartiment pero’ kien irrifjuta t-talba ta’ Gauci u llum l-posizzjoni hija l-karozza hija skrappjata.

**KONTESTAZZJONI**

L-attur qed jissottometti li l-kwistjoni kollha inqalghet ghaliex il-kjamat fil-kawza Ernest Gauci naqas li jinfurmah li l-karozza li xtara minghandu kienet skrappjata. La hu u lanqas il-konvenuti ma kienu jafu b’dak it-tahwid kollu ghax kif xtrawha huma (il-konvenuti) xtraha hu.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-kawza kontra l-konvenuti saret fuq il-premessa li dawn kienu naqsu li jinfurmaw lill attur li l-vettura kienet giet skrappjata. Jirrizulta mill-provi u anke hu ammess mill-attur li l-konvenuti ma kienux jafu li l-vettura kienet giet skrappjata mill-imsejjah fil-kawza ghalhekk l-azzjoni ta’ l-attur fuq dina l-kawzali ma tista’ tirnexxi fil-konfront tal-konvenuti.

Ernest Gauci kien gie imsejjah fil-kawza izda kien baqa’ kontumaci. Kien anke sar kapitolu fil-konfront tieghu u gie mistqarr li l-vetura kienet giet skrappjata minnu u li ma kienx gharraf lill attur u lill konvenuti li l-vettura kienet giet skrappjata.

L-attur qed jiltob danni ukoll minghand l-kjamati fil-kawza ghal dak li gara. Kif gja nghad meta l-konvenuti xtraw minghand Ernest Gauci u meta l-attur xtara minghand il-konvenuti, dawn ma kienux jafu li l-karozza kienet skrappjata u ghalhekk bla valur, imma kienu b’ideja li l-karozza kienet regolarment registrata ghalkemm

garaxxjata u tista' tintuza fit-triq billi kellha in-*number plates* ghalkemm kien hemm wahda biss billi fuq quddiem kien hemm id-daqqa.

Jirrizulta li fil-fatt il-karozza kienet giet skrappjata minn Ernest Gauci fit-2 ta' Lulju 1996 (ara xhieda ta' Brian Farrugia) u li l-istess vettura inbieghet mill-attur lill Chris Dingli fit-28 ta' Frar, 1995 (ara kopja tac-citazzjoni ezibita a fol. 83). Kien il-kjamat fil-kawza li ma ghamilx u ma setghax jaghmel it-*transfer* tal-vettura ghal fuq Dingli ghalhekk huwa responsabbili ghal danni li sofra l-attur meta n-negozju li hu kien ghamel ma Dingli sfratta.

Ghalhekk il-kjamat fil-kawza Ernest Gauci hu responsabbili ghad-danni li sofra l-attur.

**DANNI**

L-attur kien xtara l-vettura ghas somma ta' Lm450 minghand il-konvenuti u skond Dingli, l-biegh bejnu u l-attur kien ta' Lm1,493 (ara citazzjoni ezibita a fol 83). L-attur qed jitlob is-somma ta' Lm1,500 bhala valur tal-karozza; Lm1,012 bhala valur ta' *parts* u Lm292 spejjez legali. L-attur ma pprezenta ebda ricevuti jew provi dokumentari ohra ghal dawn l-ammonti pretizi. Jirrizulta wkoll li l-kawza li Chris Dingli kien ghamel kontra l-attur kienet giet transatta izda ma hemmx indikazzjoni kif il-partijiet ittransigew bejnithom, hlief li llum l-attur ghandu l-karozza u l-*parts* ghandu.

Illi ghalhekk il-Qorti, fl-istat tal-provi kif inhuma, tiddeciedi li l-kjamat fil-kawza Ernest Gauci ghandu ihallas lura lill attur is-somma ta' Lm450 u Lm300 u jiehu lura l-karozza Mazda 626. Dwar l-*parts* dawn jibghu ghand l-attur billi ma gabx prova dwar l-valur ta' l-istess *parts* u kemm hallas ghalihom.

Dwar l-eccezzjonijiet prelimiari tal-konvenuti l-Qorti tirrileva li ma saru ebda provi dwarhom u ghalhekk qed jigu michuda.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi
Tillibera lill konvenuti u lill kjamat fil-kawza Steve Gauci mill-osservanza tal-gudizzju u
Tikkundanna lill kjamat fil-kawza l-iehor Ernest Gauci jhallas lill attur is-somma ta' tmien mija u hamsin lira Maltin (Lm850) b'dan li l-attur ghandu jirritorna l-vettura lura lill Gauci;

Spejjez ghall-kjamat fil-kawza Ernest Gauci.

Bl-imghax mid-data tas-sentenza sad-data tal-eventwali pagament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------